MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 327/2008

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Keith Galea, iben George, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ April, 1986, Karta ta’ l-Identita numru 192986(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fil-5 ta’ April, 2008 għal ħabta tas-1.00 a.m. ġewwa Triq in-Nadur, Marsaskala volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara f’vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBC 767, ta’ għamla Hyundai S Coupe, liema ħsarat huma ta’ aktar minn €1,164.69 għad-dannu ta’ Allan Schiavone, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 130182(M).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u il-ħsara ġiet stamata fis-somma ta' €1,165.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina penali netta u l-ammisjoni tiegħu. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------